**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 10/13 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 16/09/2013 fis-6.15pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat minħabba xogħol |
| | Raymond Caruana | Preżenti mis-6.20pm |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.35pm |
| | Joseph Hales | Skużat minħabba raġunijiet familjari |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**10. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Chircop | **Il-minuti 09/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 09.8.3 iii | Minflok Eugenio Buhagiar jidħlu l-kliem Leon Production u minflok Eur513.30 jidħol l-ammont ta' Eur299 vat inkluż. Is-sentenza 'Ġie innutat li Leon Productions ma kkwotax kollox' inqatgħet. | | |
| | 09.8.3 iv | Fl-aħħar tal-paragrafu tiżdied is-sentenza 'Din ma tinkludix human statues.' | | |
| | 09.8.4 | Wara l-kelma re-enactemnt jidħlu l-kliem 'World War 2' u wara l-kelma grupp tidħol il-kelma 'mhux'. Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem ' Żejt iż-Żejtun iżda ġie propost għat-tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra'. | | |
| | 09.11.41 | Wara l-kliem żgħażagħ jidħlu l-kliem ta' sport u ambjent. | | |
| 10. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**10. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2 1 | 09.2.3 | Agius: Għeluq ta' Triq San Pawl | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk saritx l-applikazzjoni quddiem TM għall-għeluq ta' Triq San Pawl waqt id-dħul tat-tfal ta' l-iskola. Is-Sindku spjega li din qegħda fil-proċess. | Sindku |
| 10. 2 2 | 09.2.10 | Viċi-Sindku: Assembly Point Zejtun Home | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li s-Sur Pace taż-Żejtun Home ġie infurmat li l-assembly point jista' jsir fi Ġnien San Girgor. Ser issir kopja taċ-ċavetta tal-bieb ta' ħdejn il-Klabb tal-Bocci, waħda ser tingħata liż-Żejtun Home u oħra ser tinżamm fil-bini tal-Kunsill. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 3 | 09.3.2 | Fenech: European Mobility Week | Fenech infurmat lill-Kunsill li bejn is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Settembru iż-żgħażagħ ser jagħmlu survey f'Misraħ Diċembru XIII u Misraħ Girgor Bonici fejn ser jistaqsu jekk il-persuni humiex miż-Żejtun u jekk fl-affermattiv għalfejn sar użu mill-karozza ladarba joqgħodu fil-lokalita'. Il-Ħadd ser isir ukoll bike hike għal żgħażagħ bejn il-11 u 12 -il sena fil-periferija taż-Żejtun filwaqt li dawk ta' 12 -il sena 'l fuq ser iżuru wkoll il-lokalitajiet tal-viċin. Fenech qalet ukoll li ser isir kuntatt mal-Kap ta' l-Iskola Primarja B sabiex isir parkeġġ għar-roti u b'hekk il-ġenituri ser ikunu mħeġġa sabiex it-tfal tagħhom imorru l-iskola bir-rota. | Fenech |
| 10. | 2 | 4 | 09.3.5 | Fenech: Attivita' tal-girl guides | Fenech infurmat lill-Kunsill li sar kuntatt mal-girl guides dwar il-car wash li ser issir nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru. | Fenech |
| 10. | 2 | 5 | 09.10.1 | Agius: Lapida b'tikfira taż-żwieġ tal-Perit Duminku Mintoff | Agius staqsiet jekk inġibx il-permess sabiex titwaħħal il-lapida b'tifkira taż-żwieġ tal-Perit Duminku Mintoff mal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Is-Sindku spjega li l-proċess jinsab wieqaf peress li l-Arċipriet il-ġdid għadu ma ħax postu ufficcjalment. | Hales |
| 10. | 2 | 6 | 09.11.2 | Agius: Attivita' Miss Malta | Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita' ta' Miss Malta li kellha issir fiż-Żejtun ma saritx. | |
| 10. | 2 | 7 | 09.11.4 | Agius: Żvilupp fi Triq Madonna tal-Ħniena k/m Triq San Alfonsu | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk instabitx l-applikazzjoni ta' żvilupp tal-MEPA tas-sit fi Triq il-Madonna tal-Ħniena k/m Triq San Alfonsu. | Sindku |
| 10. | 2 | 8 | 09.11.11 | Agius: Coffee Machine | Il-Kunsilliera Agius irrimarkat li l-kċina għandha tinżamm fi stat nadif u għandu jsir użu tajjeb tal-microwave. Kien hemm qbil li għalissa m'hemmx bżonn tal-coffee machine. | |
| 10. | 2 | 9 | 09.11.25 | Caruana: Tappiera tad-drenaġġ fi Triq Lvant | Caruana informa lill-Kunsill li min għamel ir-rapport xtara l-materjal u sewwa t-tappiera huwa stess. Huwa talab ir-rimbors ta' dawn l-ispejjeż. Il-Kunsill ma jħallasx xogħol li jagħmel il-privat bla avviż. | |
| 10. | 2 | 10 | 09.11.28 | Caruana: Trejqet is-Sagħtar | Caruana staqsa x'possibilita' hemm li jsir il-wiċċ ta' Trejqet is-Sagħtar. Is-Sindku spjega li din qatt ma saret u għalhekk ser ninsistu li ssir mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku spjega li f'din il-mogħdija twaħħlet bozza ġdida iżda ġie innutat li hemm problema fid-dawl. | Sindku |
| 10. | 2 | 11 | 09.11.32 | Agius: Indafa fil-latrina pubblika | Agius staqsiet jekk is-sitwazzjoni fil-latrina pubblika f'Misraħ ir-Repubblika tranġatx. Is-Sindku spjega li ġie avviċinat il-kuntrattur konċernat. Agius staqsiet jekk il-latrini hux ser ikunu attended waqt l-attivita' Żejt iż-Żejtun. Navżaw lill-kuntrattur. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 12 | 09.11.33 | Agius: Kuntrattur Frankie Mifsud | Agius infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa fl-Awtorita' tad-Djar dwar il-ħlas dovut mill-istess Awtorita' lill-kuntrattur Frankie Mifsud. Fil-laqgħa ġie konfermat li l-kuntrattur ser jitħallas, dwar l-ammont approvat oriġinarjament u d-differenza ta' madwar tlett elef euro tiġi approvata mill-bord. | Agius |
| 10. | 2 | 13 | 09.11.36 | Agius: Triq Falkunier | Agius staqsiet dwar iż-żona ta' Ċanċu Supreme. Is-Sindku spjega li l-ħaddiema tal-KoptaSin għandhom jiġu sabiex jagħmlu s-sinjali l-gimgħa d-dieħla. | Sindku |
| 10. | 2 | 14 | 09.11.37 | Agius: Zebra Crossing fi Triq il-Labour | Agius staqsiet jekk sarx reminder dwar iz-zebra crossing fi Triq il-Labour. Is-Sindku spjega li saret kopja tal-korrispondenza lill-TM. | Sindku |
| 10. | 2 | 15 | 09.11.41 | Viċi-Sindku: Attivita lill-anzjani | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-attivita' li kienet suċċess li saret għall-anzjani bejn is-7 u 8 ta' Settembru. L-uffiċċjali taż-Żejtun Home xtaqu jkunu jafu bil-gruppi ta volontarjat li jeżistu fil-lokalita'. Din il-lista ser tgħaddi lilhom mis-Segretarjat. | Viċi-Sindku |

**10. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 3. | 1 | 02 | MEPA: PA2109/13 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li din l-applikazzjoni tinsab fil-village core.** | Sindku |
| 10. | 3. | 2 | 03 | DLG: Memo 17/13 Live Streaming | Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li ser jingħata l-ammont ta' Eur2,300 sabiex il-laqgħat tal-Kunsill isiru live streamed. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li joħroġ call for quotations.** | Segretarjat |
| 10. | 3. | 3 | 04 | DLG: Memo 21/13 Telefon Ċellulari | **Il-Kunsill qabel li jekk il-finanzi jippermettu jagħmel tajjeb għal użu ta' telefon ċellulari skond il-linji ta' gwida indikati fil-Memo.** | Segretarjat |
| 08. | 3. | 4 | 05 | Seg. Familja u Solidarjeta' Soċjali: Nominazzjoni Anzjan tas-Sena | **Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Karmenu Baldacchino għall-Premju Anzjan tas-Sena.** | Viċi-Sindku |
| 08. | 3. | 5 | 06 | WasteServ: Underground Bring in site Ġnien Brejġu | Is-Sindku spjega li ser issir laqgħa dwar l-underground bring in site fi Ġnien Brejġu. Il-Kunsilliera Abela insistiet li din il-bring in site għandha tiġi rranġata u mhux imneħħija. | Abela |
| 10. | 3. | 6 | 07 | Ombudsman: Ilma tax-xita fi Sqaq San Anard | Is-Sindku spjega li dwar il-każ tas-Sinjura Gauci, trid issir rampa minħabba l-ilma tax-xita li jidħol minn Triq San Pietru. | Sindku |
| 10. | 3. | 7 | 08 | TM: Triq President A. Buttiġieġ | **Il-Kunsill qabel li jerġa jikteb lill-TM li l-Kunsill ilu jirraporta l-ħofor li hemm fi Triq President A. Buttiġieġ lill-TM u jibqa' jinsisti li din it-triq mhiex responsabbilta' tal-Kunsill.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 8 | 09 | C. Camilleri: Ktieb Bijografija ta' Dr A. Cachia Zammit | **Il-Kunsill qabel li jixtri 2 kopji tal-bijografija ta' Dr A. Cachia Zammit bl-isem it-Tabib Sandy.** | Camilleri |
| 10. 3. 9 | 11 | Wirt iż-Żejtun: Stedina għal Wirja | Il-Kunsilliera ġew imħeġġa jattendu għall-istedina tal-ftuħ tal-wirja 'Sejbiet Missirjietna' li ser titella minn Wirt iż-Żejtun nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru fis-7.15pm fil-fergħa ta' l-HSBC taż-Żejtun. Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Agius ġew skużati minħabba mpenji oħra. | Kunsill |
| 10. 3. 10 | 12 | MTA: Visit Malta | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Chircop sabiex isegwi l-korrispondenza dwar il-proġett 'Discovering Malta and Gozo through its People and Culture'. | Chircop |
| 10. 3. 11 | | A. Falzon: Talba għal tibdil fil-ħinijiet | **Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jibda jaħdem mis-7.00am sat-3.00pm bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mill-1 ta' Ottubru, is-sena kollha, billi l-assistent Mark Spiteri li kien jaħdem skond din l-iskeda ser jieqaf mix-xogħol tal-Kunsill.** | Sindku |

**10. 4.** **Ħlasijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 10. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 09/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 10. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 09/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 10. 4. 4 | | Petty Cash - Awwissu 2013 | **Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash li ntefaq f'Awwissu 2013 hekk kif preżentat li kien jammonta għal €133.55.** | Segretarjat |

**10. 5.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 5. 1 | | Ġie innutat li għal din il-laqgħa ma kinux preżentati mozzjonijiet. | | |

**10. 6.** **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 6. 1 | | Agius: Festa Madonna tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isir il-knis u t-tindif neċessarju fiż-żona tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena fl-okkażjoni tal-festa ta' l-istess Knisja. Ser isiru wkoll in-no parking signs dak inhar tal-festa. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 6. 2 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex isir il-knis u tindif fiż-żoni fejn ser issir l-attivita' Żejt iż-Żejtun u hemm bżonn ta' kennies waqt id-defile tal-bhejjem. Hemm bżonn ta' tindif bejn is-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd fil-għodu. | Hales |
| 10. 6. 3 | Attivita' Żejt iż-Żejtun | Agius irrapurtat il-laqgħa pubblika li saret għal min ser jieħu sehem f'Żejt iż-Żejtun. Il-Press Conference ser issir ġewwa San Niklaw Estates nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru f'nofsinhar. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa jattendu. Għal din il-press conference ser ikun preżenti l-Onor Jose' Herrera. Qed isiru diversi promotions għal din l-attivita' kemm fuq rivisti kif ukoll fuq il-media. | Sindku Agius |
| 10. 6. 4 | Attivita' Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsilliera Agius poġġiet fuq il-medja tal-Kunsill il-poster u l-flyer ta' Żejt iż-Żejtun u tqassmu kopji lill-Kunsilliera preżenti. Hija nnutat il-wirjiet kollha li ser isiru kif preżentati fil-flyer. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa jattendu għall-ftuħ ta' dawn il-wirjiet. Is-sorijiet ta' Ġesu' Nazzarenu ser jiftħu ukoll il-presepju mekkaniku. Din is-sena ġie innutat li ser tiżdied il-wirja tal-filatelija u l-manuċċa fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Fil-Juventutis Domus ser issr wirja mit-tfal u absailing. Għal din is-sena ser issir ezibizzjoni minn Modica ta' 11 il-stand f'Misraħ ir-Repubblika mill-uffiċċju tal-Maltapost 'l fuq. | Sindku Agius |
| 10. 6. 5 | Fenech: Triq it-Tuss | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill dwar l-istat ta' Triq it-Tuss fil-parti ta' ġewwa li tinsab kollha żrar u qed tkun perikoluza ħafna għall-muturi. Is-Sindku spjega li din it-triq ser tingħata lill-TM. | Sindku Agius |
| 10. 6. 6 | Fenech: Railings - Skate Park | Fenech talbet sabiex isir railing b'kee klamps fil-kuritur ta' l-iskate park sabiex jiġu salvagwardjati t-tfal fil-playground. | Sindku |
| 10. 6. 7 | Fenech: Railing fi Trejqet is-Sagħtar | Fenech talbet sabiex isir hand railing fit-taraġ ta' Trejqet is-Sagħtar minħabba li dan qed jitmermer peress li qed jintlaqat minn vetturi kbar. Soluzzjoni oħra tkun li jiċċaqlaq it-taraġ. | Sindku |
| 10. 6. 8 | Fenech: Retaining wall Triq Tamburin | Fenech talbet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ammont ta' skart li qed ikun mormi fi plot abbandunata fi Triq Tamburin. Is-Sindku spjega li din hi art privata u li meta saret it-triq ma ttellax ir-retaining wall kif stipulat bil-liġi. | |
| 10. 6. 9 | Fenech: Live-in | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser issir live-in għaż-żgħazagħ li ser jiffoka fuq proġett ta' sostenibbilta' ambjentali b-isem 'Let's give a second chance' bit-temi ta' reduce, reuse, recycle. | Fenech |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 6. 10 | Abela: Dog Litter bins | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex jitwaħħlu d-dog litter bins li nxtraw. Is-Sindku qal li dawn ser jitwaħħlu dalwaqt. | |
| 10. 6. 11 | Chircop: Website | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-website il-ġdida tlestiet u diġa' tidher. Il-Kunsill approva li l-Grupp tal-Letteratura ikunu jistgħu jissottomettu poeżiji li jittellgħu fuq il-website. Il-Kunsillier Chircop spjega li l-heritage route ta' Triq Bisqallin u Ħal Bisbut li issemmew fil-laqgħa preċedenti, ser ikunu fuq il-website fis-27 ta' Settembru li dak ikun imfakkar il-World Tourism Day. | Chircop |
| 10. 6. 12 | Chircop: Qtugħ ta' ħaxix | **Il-Kunsill qabel li meta jkun ser isir qtugħ ta' ħaxix, għandha titwaħħal notice minn ġurnata qabel sabiex il-vetturi ma jipparkjawx.** Dan ukoll sabiex jiġi evitat ħsarat fuq il-vetturi. | Hales |
| 10. 6. 13 | Chircop: Ġnien Luqa Briffa | Il-Kunsillier Chircop ġie avviċinat minn Wirt iz-Zejtun sabiex il-Kunsill jikteb ittra bil-miktub dwar il-bdil ta' l-isem ta' Ġnien Luqa Briffa. Is-Segretarjat qal li din intbagħtet. | Segretarjat |
| 10. 6. 14 | Caruana: Notice boards tal-Kunsill | **Il-Kunsill qabel li għandha tiżdied notice board ħdejn il-Kunsill u oħra ħdejn San Girgor u titranġa dik ta' ħdejn il-Klabb tal-Boċċi.** Għal dan il-għan ser jinġiebu kwotazzjonijiet. | Caruana |
| 10. 6. 15 | Caruana: Turiżmu | Caruana propona sabiex isiru indikazzjonijiet fil-lokalita' li juri ż-Żejtun ma' min hu ġemellat u kif ukoll tinbidel il-mappa li hemm fejn in-New Wave Kiosk u tiżdied oħra ħdejn il-latrina pubblika f'Misraħ ir-Repubblika. Dan peress li jsir użu mit-turisti. **Il-Kunsill qabel.** | Chircop |
| 10. 6. 16 | Caruana: Triq Nikol Attard | Caruana informa lill-Kunsill li l-arblu li kien hemm fin-nofs ta' Triq Nikol Attard, tranġa. Is-Sindku spjega li dan sar bl-intervent tal-Kunsillier Hales. Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilma tax-xita li ma jiskulax fl-aħħar parti ta' Triq Nikol Attard. | Sindku |
| 10. 6. 17 | Caruana: Żbir ta' siġar Vjal 25 ta' Novembru | Caruana staqsa meta ser issir iż-żbir tas-siġar ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li qabel isir ix-xogħol għandha ssir applikazzjoni quddiem il-MEPA. | Hales |
| 10. 6. 18 | Caruana: Arriva | Caruana talab sabiex ir-rotta 84 tibda tgħaddi minn Raħal Ġdid u biex isiru bus shelters. Is-Sindku spjega li l-Ministru Mizzi diġa' approva din it-talba li ser isseħħ mill-bidu tas-sena d-dieħla. **Il-Kunsill qabel li jikteb lil TM sabiex jerġa' jsir il-bus stop ta' ħdejn in-New Wave Kiosk.** | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 6. 19 | Caruana: Arbli tad-dawl fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-corrosion fuq l-arbli ornamentali l-kbar li jinsabu fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Is-Sindku spjega li dawn l-arbli kienu ingħataw lill-Knisja u l-manutenzjoni trid issir min-naħa tagħha. S'issa l-Kunsill għadu jibdel il-bozoz li jinħarqu. | |
| 10. 6. 20 | Agius: Żebgħa tat-Traffiku | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isiru l-parking bays fi Triq Bugħarbiel u keep clear quddiem l-entraturi ta' blokki f'Ħal Tmiem u Ta' Ganza. Fenech talbet sabiex isir keep clear quddiem il-ground ta' Ġebel San Martin fejn s-service station ta' l-Enemalta. | Sindku |
| 10. 6. 21 | Agius: Administration Fees | Agius infurmat lill-Kunsill li l-amministratturi tal-blokki Ta' Ganza u Ħal Tmiem rċevew il-Eur150 li kienu mwegħda lilhom. Agius hija amministratriċi ta' 4 blokok, liema flus ser jgħaddu lill-Kunsill Lokali għall-ispejjez tas-sotto kumitat tal-familja. | Agius |
| 10. 6. 22 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li għada 17 ta' Settembru ser issir attivita' ta' Meusac. Għaliha ser jattendu madwar 100 ruħ bejn tfal u kbar. Filwaqt li bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru ser issir weekend activity għall-familja ġewwa l-Mellieħa Bay Hotel għall-prezz ta' Eur80 -il persuna. | Agius |
| 10. 6. 23 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku fakkret li nhar l-Erbgħa 18 ta' Settembru ser issir il-ħarġa għall-anzjani fil-Palazz tal-President li ntlaqgħet tajjeb ħafna. Għaliha ser jattendu madwar 60 anzjan. Fl-1 ta' Ottubru ser issir żjara lill-anzjani Żwieten ta' St. Vincent de Paule. | Viċi-Sindku |
| 10. 6. 24 | Viċi-Sindku:Skips Triq Marrubja | Il-Viċi-Sindku ġiet avviċinata mir-residenti ta' Triq Marrubja fejn dawn qed jitlobu li jew jerġgħu isiru l- iskips ta' Triq Fossa tal-Qamħ jew inkella jitneħħew. Is-Sindku spjega li l-ewwel għandna nibgħatu ittra sabiex il-ġbir ta' skart minn din it-triq tibda issir bieb bieb jekk jaqbel il-Kuntrattur. | Hales |
| 10. 6. 25 | Viċi-Sindku: Tneħħija ta' reserved parkings | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellna konferma minn TM li r-reserved parking ta' nies mejta jistgħu jitneħħew mill-Kunsill. Min-naħa tal-Kunsill saret talba quddiem TM għal tneħħija ta' 4 resereved parkings u rċevejna risposta li tista' titneħħa waħda biss. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb sabiex jara fuq it-tlieta li baqa'.** | Viċi-Sindku |
| 10. 6. 25 | Viċi-Sindku: Adjudicating Board | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jinħatar l-adjudicating board ġdid kif indikat fil-laqgħa preċedenti. Kien hemm talba fost il-Kunsilliera sabiex il-ħin tal-ftuħ tat-tenders jinbidel mill-10.00am għas-1.30pm. Is-Segretarjat ser jiċċekkja mal-liġi. | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 6. 26 | Sindku: Tenders | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jinħarġu żewġ tenders, waħda tal-mizura 125 għal surfacing ta' żewġ sqaqien u oħra għat-toroq residenzjali. | Sindku |
| 10. 6. 27 | Sindku: Laqgħat tal-Kunsill | Is-Sindku ħabbar id-dati tal-laqgħat tal-Kunsill sa l-aħħar tas-sena: 3 ta' Ottubru, 31 ta' Ottubru, 14 ta' Novembru u 5 ta' Diċembru. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv